SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTAX (AD HOC)**

**7 ta' Frar, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Rita Saliba avżat li ma setgħatx tattendi minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidraha bħala skużata.

Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

## 16a.1 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għal 2011

16a.1.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-abbozz tal-estimi annwali għas-sena finanzjarja 2011, li kopja tiegħu hi anessa bħala dokument "16D" ma' dawn il-minuti.

16a.1.2 Fir-rigward ta' dħul u possibilitajiet ta' proġetti ffinanzjati minn sorsi oħra għajr dawk tal-Kunsill, is-Sindku għarraf lil Membri dwar il-fond *Urban Improvement Funds* li jlaħħaq għal madwar €48,000, dwar il-possibilitajiet ta' twettiq ta' proġetti kapitali u soċjali u oħrajn intiżi għal komunita' li jsiru mill-Fondazzjoni Majjistral *Action Group* (*FMAG*), filwaqt li kien se jirtira l-applikazzjoni li għamel dwar attivita' sportiva peress li l-Bord ta' Evalwazzjoni kien għadu ma ħax deċizjoni u mhux se jkun hemm żmien biżżejjed biex din titħejja fiż-żmien.

16a.1.3 Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li jikkumisjona lil Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara l-applikazzjoni taħt l-iskema tal-*Urban Improvement Funds* sabiex isir rapport ħolistiku (*master plan*) dwar l-immaniġjar tat-traffiku f'San Ġwann kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu fir-rigward ta' tabelli u sinjali tat-traffiku.

16a.1.4 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-benefiċċji tas-sħubija tiegħu fil-*FMAG*, fejn wara laqgħa li saret ma' rappreżentant kien magħruf li hemm 16-il Kunsill membru kif ukoll ammont sostanzjali ta' fondi ggarantiti għal proġetti u miżuri oħra soċjali, fejn il-Kunsill irid iħallas €3,200 li jservu għal sħubija ta' ħames snin.

16a.1.5 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

16a.1.6 "*Il-Kunsill jaqbel li jissieħeb fil-FMAG u li jkun impenjat biex isiru proġetti fil-lokalita' tiegħu billi jippreżenta proposti li jwasslu għal suċċess fil-proċess tal-għażla.*"

16a.1.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet f'sitt voti favur u żewġ astenzjonijiet.

16a.1.8 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici kien skużat mil-laqgħa. (6.15pm)

16a.1.9 Il-Kunsill ikkunsidra n-nefqa kif kienet proposta fejn kien irrimarkat li għandu jsir tibdil fir-rigward ta' deċiżjonijiet meħuda bħal żieda fl-iskala ta' mpjegata, jitneħħa l-fond tad-dħul għall-iskema sportiva, filwaqt li l-bilanċ tan-nefqa tagħha tiġi diretta lejn l-iskema tal-proġett tal-*Lifelong Learning* b'vot ta' €2500 u vot ġdid għaż-Żgħażagħ ta' €1500 filwaqt li d-dħul u n-nefqa kapitali mill-UIF titla' għal €48,000.

16a.1.20 Il-Kunsill ikkunsidra wkoll l-implikazzjonijiet li jista' jħalli l-proġett tal-*PPP* għal Triq Bellavista u qabel li dan għandu jiġi kkunsidrat wara l-laqgħa li sseħħ mas-Segretarju Parlamentari, fejn bl-esklużżjoni tiegħu qed jiġi antiċipat li l-Kunsill ikun qed jonora l-obbligi legali tiegħu li jħalli 10% *surplus* fl-estimi annwali.

16a.1.21 Il-Vici Sindku ressaq din il-mozzjoni:

16a.1.22 *"Il-Kunsill japprova l-estimi annwali għas-sena 2011, kif emendati."*

16a.1.23 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

16a.1.24 Il-laqgħa spiċċat fis-6.55 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ Marzu, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPuis<br>Sindku | Adrian Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |